MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 1258/2009

Il-Pulizija
(Spettur Mario Haber)

Vs

Abdul Khader Ahmed

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru moghti mill-Pulizija 09A-002, akkuzat talli:

1. Fis-26 ta’ Novembru 2009 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu Passaport, mahrug minn awtorita’ kompetenti, cioè Passaport Olandiz, mahrug f’isem Abdi Ahmed Dahir, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ttrasferit lilu minn persuna ohra, bi ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passport mahrug lil persuna ohra, cioè dak diga' imsemmi bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 32 (1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-akkuzat trammite l-interpretu nominat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Tikkundannah xahrejn prigunerija wara li rat l-Artikolu 3 u 4 tal-Kap 61 u 32(1) tal-Kap 217.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------